ANTON BUTTIGIEG

Kien jisħaq fuq il-għaqda fil-pajjiż

Patri HERMANN DUNCAN O.Carm.

Il-bust ta' Anton Buttigieg fil-Qala, Għawdex

Anton Buttigieg twieled nhar it-12 ta' Frar 1912 fir-raħal tal-Qala, Għawdex. Meta kien żgħir huwa kien imur l-iskola primarja tal-gvern fl-istess raħal. Wara huwa mar is-Seminarju t'Għawdex mill- 1923 sal-1927 u fil-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara, mill-1928 sal-1930. Sa minn meta kien għadu żgħir, kien jidher bħala bniedem mogħni b'intelliġenza u kien bniedem umli li jħobb jgħin lil kulħadd.

Ġab il-lawrja tal-BA fis-sena 1934 u sar avukat fis-sena 1940. Kien fizzjal tal-pulizija bejn l-1939 u l-1945, ħadem ta' avukat wara l-gwerra u sar aġent maġistrat fl-1955. Anton Buttigieg kien jirrapporta x'jiġri fil-qrati għat-**Times of Malta** bejn l-1944 u l-1948 u serva bħala editur tal-Voice of Malta mill-1959 sal-1970. Kien membru Laburista tal-Kamra tar-Rappreżentanti fl-1955 fejn baqa' jservi sa Ottubru 1976. Kien Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari mill-1971 sal-1976.

Huwa żżewweġ lil Carmen Bezzina li kienet l-ewwel mara tiegħu, u f'dan iż-żwieġ huma kellhom tlett itfal, John, Manolo u Rose. Wara l- mewt ta' din il-mara huwa żżewweġ lil Connie Scicluna iżda din mietet f'inċident tat-traffiku f'Londra. Fis-sena 1975 huwa żżewweġ lil Margery Patterson u wara t-tielet żwieġ tiegħu, Anton ingħata l-ogħla kariga tal-pajjiż meta sar President tar-Repubblika ta' Malta wara Sir Anthony Mamo. Tul iż-żmien li dam President huwa saħaq ħafna biex il-poplu jkun maqgħud u jgħix dejjem fis-sliem. Waqt li kien f'din l-ogħla kariga huwa kien iħobb idaħħal fid-diskorsi tiegħu siltiet poetiċi li kienu tant għal qalbu.

Anton Buttiġieg għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-5 ta' Mejju 1983. Huwa ngħata funeral statali u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Bħala tifkira tiegħu nsibu monument f'ġieħu fil-Blata l-Bajda li kien ġie inawgurat nhar il-5 ta' Mejju 1985.

XOGĦLIJIET MINN TIEGĦU

Anton Buttigieg kien awtur ta' diversi kotba speċjalment ta' poeżiji liriċi. Tajjeb li nsemmu li kien wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tal- Malti fl-1931 u membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti mill-1937. Fost il-premjijiet li rċieva nsibu dak taċ-Circolo Culturale Rhegium ta' Reggio Calabria fejn tawlu [illegible] tal-fidda għall-poeżiji tiegħu.

Fost il-poeżiji liriċi li kiteb nsemmu xi wħud minnhom, bħal "Mill-Gallarija ta' Żgħożiti" (1945), "Fanali bil-Lejl" (1947), "Qasba mar-Riħ" (1968), "Fl-Arena" (1970), "Ballati Maltin" (1973) u "Il-Għanja tas-Sittin" (1974). Kellu wkoll poeżiji b'diversi temi bħal – "Ejjew Niddħqu Ftit" (1963) poeżija umoristika, u "Il-Mużika bil-Kimono" (1968) poeżija stil Ġappuniż.

Huwa kiteb awtobijografiji fosthom "Toni tal-Baħri" (1978) li kien l-ewwel ktieb tiegħu u "L-Għażla tat-Triq" (1980) li kien it-tieni wieħed. Wieħed ma jistax jinsa jgħid li saru diversi traduzzjonijiet tal-kotba tiegħu b'ilsna oħra, fosthom "Il Mare di Malta" (1974) minn Albert Cassola bit-Taljan, u "The Lamplighter" (1977) minn Frances Ebejer bl-Ingliż.

Hawnhekk se nagħtu titwila żgħira lejn rakkont ħelu li kiteb Buttigieg jismu "Iż-Żarbun tad-Dardanelli." Fih il-karattru ewlieni, Ċensu l-Mulett, kien akkwista żarbun gwapp matul l-Ewwel Gwerra Dinjija. Wara l-gwerra reġa' lura f'pajjiżu liebes ta' suldat Ingliż. Huwa beda jagħmel ħafna ħsejjes b'dan iż-żarbun gwapp. Karmena l-għarusa tiegħu ħarġet tilqgħu meta semgħetu, u għarfitu meta neħħa l-berritta. Fil-jum tat-tieġ Ċensu ħareġ iż-żarbun u libsu, u kif kien nieżel it-taraġ it-tifla ż-żgħira tal-Buqrajk, Pawla, daħlet ġo fih u rifisha, u damet tmient ijiem tilmenta bl-uġigħ. Ġrajja oħra ta' Ċensu kienet meta daħal il-knisja fl-erbgħa u nofs qabel il-quddiesa tal-ħamsa ta' filgħodu. Il-kappillan ma ħax pjaċir bit-tħabbit taż-żarbun għax kien għadu kif għamel il-paviment ġdid tal-irħam. Il-kappillan irnexxielu jħajjar lil Ċensu jilbes ta' fratell u kellu jilbes fil-festa taċ-Ċintura. Dik is-sena l-prietka tal-festa saret bil-Latin u ħadd ma fehem il-kliem tqil tal-'għanja tal-għanjiet.'

Ċensu ta ż-żarbun lill-erba' wliedu subien, fejn tlieta minnhom għamlu ħsejjes enormi għax saqajhom kienu iżgħar. Meta Ċensu kellu t-tifla biex titgħammed sellef iż-żarbun lill-għarus tagħha. Meta xjaħ baqa' jerfa' l-istandard tal-Madonna waqt il-purċissjoni tad-Duluri iżda żelaq darba minnhom, u l-balla tas-salib laqtet lil Manwel il-Billi, u ma ħariġx aktar bl-istandard. Meta miet Ċensu libbsuh ta' fratell biż-żarbun li kien iħobb jilbes.

Hemm ħafna xi tgħid dwar il-poeżiji u r-rakkonti ta' Buttigieg għax ħelwin ħafna.

Il-monument f'ġieħ Anton Buttigieg fil-Blata l-Bjada